## Il-Ħadd, 1 ta' Settembru 2002

Illum! Wara lejl u ġurnata bħal dawk! Kien il-Ġimgħa niftakar. Madoff, għaddew diġà sentejn qishom leħħa ta' berqa. Sentejn diżastru. Qatt ma tista' tiżgiċċa minn moħħi din il-ġurnata. Min jaf, forsi għax għadha friska l-affari. Forsi għax għadha m'għaddietx minn fuqi dik id-diksata li jgħidu li tgħaddi minnha wara l-mewt. U le, ma taħrabx minn moħħi dik il-ġurnata … Kif qatt tista'? Qatt. Ix-xemx minn filgħodu turik x'ġej u dakinhar mill-għodwa bdiet sewda faħam. Minn filgħodu. Hekk ried id-destin — li jqaċċatha minn miegħi, joħodha għalih fil-ġenna, jekk teżisti dil-ġenna wara kollox. Kultant ngħid li ma jeżisti xejn. Skoss bluha tal-moħħ u sħab taż-żgħożija. Ġenna, meta ħlief infern hawn isfel m'hawnx. Ħajja bla ebda sens!

Imma għaliha teżisti ġenna żgur. Inkella allura għaliex għexet? Għal liema raġuni ħadet l-ewwel nifs ta' ħajjitha? Biex timla l-wisa'? Biex

tbati biss din il-mara? Naħseb lanqas ix-xjaten li hemm l-infern ma batew daqskemm batiet hi.

Kemm sofriet jaħasra ommi. Minn kull banda qalgħet fuq wiċċha. Minn mindu kienet għadha żerriegħa. Ommha Karmni kienet prostituta mill-kbar nett. Il-kapurjun tal-qħab. Naħseb lanqas kien hemm wieħed mill-Isla u lil hinn minnha li ma kinitx taf l-għazz kollu li kellu f'kuxxtejh. Bil-kju kienu jistennew l-irġiel barra n-naq'a kamra mikrija li kellha f'kerrejja. Lanqas għall-Victory Kitchen ma kienu jistennew bi ħġarhom daqskemm kienu jistennew għal din il-maħmuġa. Nannti ħej. L-għażiża nannti Nena n-Najxuwwa, kif kien isibha kulħadd il-Kottonera. Dik l-omm li suppost meta bintha tikber u jkollha 'l uliedha, iżżommhomlha u trabbihomlha f'għożża liema bħalha u minn daqqiet iktar milli kienet tħobb lilha stess. Ara jien bil-kuntrarju. Qatt ma kważi rajt lil wiċċha. Mela ommi kienet se tafdani magħha!

Darba naf li ħallietni magħha u kienet widdbitha biex ma tagħmilx ħniżrijiet quddiemi. Imma l-imbarazz li rajt u smajt dakinhar baqa'

stampat f'moħħi sal-lum il-ġurnata. Poġġietni bilqiegħda npinġi fuq siġġu iswed tuta u mejda se taqa' u ma taqax u b'tazza ilma ħdejja, li kienet iktar tagħti lejn kulur il-pipì milli safja u naturali. U jien hemm, bil-lapsijiet f'idejja, inħarbex u nimla bil-kulur. Kemm kelli dik il-ħabta, xi sitta jew seba' snin … insomma kelli kemm kelli, għadha qisha stampa f'moħħi. Ħajja iktar milli ħaj jien bħalissa. Fid-daqqa u l-ħin jidħol raġel m'ogħla hawn ġew u hi bdiet titgħawweġ, tiċċaċċra u tiżżegleg b'ħafna sforz. Karmni kienet tinbidel minn minuta għall-oħra. F'ħinijiet minnhom kienet tkun qisha wiċċ Laskri u tibda tidgħi b'kull forma ta' qaddis li għex fuq wiċċ din id-dinja u sekonda wara, tadura ġisem dieħel mill-bieb tal-kmajra li kellha. L-aqwa li kien ikun liebes qalziet. U t-twerżiq li smajt dakinhar! Tingħi u tgħajjat. U jien hemm, iktar ma tgħajjat, iktar nagħfas dak il-lapes kulur id-demm mal-karta. Ridt noqtlu lil dak ir-raġel. Kien qed iweġġagħha lin-nanna. Kien qed isawwatha. Imma l-bieb kien imsakkar. Ma stajt nagħmel xejn. Is-sodda żżaqżaq mal-

ħajt, il-ħadid iħaffer il-ġebel u partijiet minn ħut ommi jissawru fiha. U jien hemm … imwerwer … għajnejja kbar qishom żewġ bajdiet nistenna minn ħin għall-ieħor li joħroġ dak il-mostru b'dirgħajh godlin u joqtolni. Jibgħatni d-dinja l-oħra qabel il-waqt. Niftakarha qisha lbieraħ it-tpinġija li kont ħarbixt dakinhar. Raġel iswed faħma, mitfugħ fuq mejda, l-istess mejda li kont qed inpinġi fuqha jien, u f'żaqqu kellu sikkina mdeffsa sa ġewwa. Ħafna demm kien nieżel miegħu, ma' sidru, nofsu fl-ajru u l-bqija fl-art. Tifqigħa tas-sokra tal-bieb u Karmni toħroġ qisha mhix hi. Dak ir-raġel jiddritta l-ġlekk u l-qalziet minn xi tikmixa żejda u jtiha xi ħaġa f'idejha. Ħareġ hu u daħal ieħor pariġġu. Qisu ġolf. U hi l-istess, tlebleb qisha xemgħa quddiemu u tippoppa. Kollox bħal qabel. Kollox f'rutina u ritmu. Anqas farka għeja fuqha għalkemm kien hemm l-età. U jien ingerrem il-lapes tal-kulur u nħokk għajnejja bl-oħra. Meta ġiet ommi, in-Najxuwwa kienet f'nofs operazzjoni. Niftakar qabditni qisni ġugarell u ma waqfitx tgħajjat u tixher. L-ewwel darba li smajt lil ommi tgħajjar

’l ommha ‘qaħba’ u ‘nittiena’. Dakinhar, in-Najxuwwa kienet mietet f’qalbi u ma mmurx żmerċ jekk ngħid li anke f’ommi stess kienet intfiet ix-xemgħa ta’ mħabbitha lejn ommha darba għal dejjem. Jekk in-Najxuwwa ma kellhiex farka rispett lejja, żgur ma kienx se jkolli jien jew ommi lejha. Infatti, meta mietet ommha, ommi lanqas marret għall-funeral tagħha. Anqas demgħa mġiddma ma tgerbet ma’ ħaddejn ommi. Ma kien hemm ebda rimors f’qalbha u anqas kompassjoni. Kienet ilha li mietet għaliha. Insomma, lanqas ħut ommi ma kienu jġerrgħuha. Ħlief iż-żgħira, iz-zija Rita, għax dik kienet wirtet il-mestier t’ommha, miskina. Anqas niftakar ma rrid, tara ’l ħut ommi, anqas wieħed u waħda pariġġ l-oħra — sett farradi u mfarrak fl-istess ħin. Jekk issaqsini, ngħidlek li anqas nafha l-ġurnata tal-mewt tagħha, għax niftakar ommi kienet bagħtitni xorta l-iskola u kienet qisha ġurnata bħall-oħrajn. Imma l-mewt t’ommi tibqa’ stampata f’moħħi. L-uniku jum li jibqa’ jqattagħni. Ma tarax li ninsieha! Anqas qatt. Ħaqq fuq ħajti … jew sakemm għandi.

Ommi bid-dmugħ f'għajnejha kont nismagħha tgħid li hi bint baħri tan-nejvi Amerikana, wieħed minn dawk li kienu jidħlu għand iz-zija u hi tiżżegleg quddiemhom u tiżżagħbel. Kienu jinżlu x-xatt minn fuq vapur minn tagħhom, ipinntu sakemm jiġu patata, iħarbtu warda Maltija u jitilgħu lura qishom qatt m'għamlu xejn. Kien ruxxan u għajnejh żoroq żgur, għax ommi hekk kienet ukoll. Mhux bħal dik il-ħatba, għax samra żebbuġ kienet. Ommi kienet il-kbira. Ommha ma ridithiex għax kienet ħalfet li qatt ma riedet tfal. Anke waqgħet darba t-taraġ u kienet issabbat saqajha u taqbeż biex forsi titlef it-tarbija darba għal dejjem. Imma x-xitan ma ħamilx … ma rnexxilhiex. Wara sitt snin li kienet ilha fil-mestier faqqset 'l ommi. Sentejn wara, ħuha ċ-Ċiniż, għax għajnejh kienu mġebbdin iktar minn widnejja. Kienu jgħidu li missieru kien mill-Vjetnam jew xi mkien fil-viċinanzi. Imbagħad, warajh, ħut ommi t-tewmin. Żewġ subien oħra. Kulur iż-żebbuġa. Wiċċ wieħed u t-tnejn kellhom ġerħa tat-twelid f'nofs daharhom. Li kien jagħmel wieħed kien

jagħmlu l-ieħor. Baqgħu hekk anke meta kibru, għax biex tgħaxxaq kienu jħobbu l-istess mara u spiċċaw kienu se joqtlu lil xulxin. Li ma kinitx ommi għalihom biex sabitilhom soluzzjoni, kieku llum taħt it-trab magħha qegħdin. Ommi mietet u huma għadhom ħajjin sal-lum! Imbagħad, in-Najxuwwa kellha żewġ korrimenti, tnejn oħra mietu mat-twelid, u l-aħħar waħda Rita. Nittiena bħal ommha. Aħbi x-xemx u oħroġ lilha. Wiċċ jarmi d-dija, kont nismagħhom jgħidu li kellha ġisem ma tpenġihx, saqajha qishom żewġ strippi u ridt erba' pari għajnejn biex tħares lejhom, imbagħad, biex tmisshom ridt idendlilha balla liri. Trabbew? Lanqas jafu kif. It-tewmin għand il-ġirien. Frans għand oħtha u ommi u Rita magħha. Jgħixu l-ħmerijiet. Jassistu għall-iktar livell baxx tal-ħajja.

Mill-ftit li kienet taf skola ommi, dejjem għallmitni s-sew. Tal-anqas, ippruvat titgħallem minn ommha dak li m'għallmithiex—ippruvat tgħarrex u tara l-ħajja bil-maqlub li kienet qed tgħixha m'ommha. Ommha għexet id-

dlam u d-dlam waħdu qatt ma ġab id-dawl. Imma d-dawl irid ikun wara kollox biex tinduna li d-dlam jeżisti. Ommi kienet tħobb taqra … mhux xi rumanz, hemmhekk kienet teħel miskina, imma dejjem b'xi kurunella ta' xi qaddis, xi poeżija jew xi ktejjeb li kienet tiddobba mill-knisja. Għad li kellha impożizzjonijiet fuqha, xorta kienet tgħarrex u tisraq dawk il-ftit mumenti, biex toqgħod tirrakkontali xi ħrafa ċkejkna qabel norqod, jew xi minn daqqiet, anke taqrali xi silta minn poeżija. Ippruvat tiżra' fija immaġinazzjoni … xi ħaġa lil hinn minn dak li kont qed ngħix fih. Biss illum ngħid li rnexxielha ftit, bil-kitba tal-poeżiji 'l hemm u 'l hawn.

Kienet tmur il-quddies kuljum jekk jista' jkun u anke ngħaqdet ma' xi ħames nisa oħra biex joqogħdu jgħidu r-rużarju. Riedet tpatti għan-nuqqasijiet li ġabet fuqhom ommha. Ġarrbet ħafna hi u riedet li minn hawn u minn hemm tissaffa minn dak kollu li għexet. Barra minn hekk, b'dik l-iskuża, setgħet tkun 'il bogħod minn darha wkoll.

Il-kultura minn dejjem kienet tħobbha. Mhux għax ġiet imnissla fiha. Anqas xejn. Imma t-teatru kien jaljenaha mid-dramm kontinwu ta' ħajjitha. Ġieli ħaditni magħha f'waħda minn dawk il-ġranet li kienet tkun trid ittemm ħajjitha, imma fit-teatru kienet issib is-suffraġju tagħha. Kienet tħoss li l-karattri kienu jassimilaw irwieħhom magħha, flok il-kontra. Kienet tħobb kull ġeneru. Oħroġ il-għaġeb, kienet toħroġ dejjem tibki mis-sala: kinitx tkun kummiedja jew dramm. Daqqa bid-daħk u daqqa bil-biki. Tal-qaddisin kienu jinżlulha għasel, u niftakarha dejjem issemmi ta' Santa Rita, għax kienet għaddiet mis-sofferenzi li kienet għaddejja minnhom hi.

Kellha lili u 'l ħija ż-żgħir. Qagħdet lura mit-tfal, hekk kienu jgħidu n-nies … veru mhux għax riedet, imma żgur ma riditx titkagħbar bħal ommha. Ix-xitan m'għandux ħalib u jagħmel il-ġbejniet xorta waħda. Ommi kellha tgħaddi minn tbatijiet kbar kemm ma' żewġha kif ukoll fit-tqala, it-twelid tagħna u l-ħajja tagħha sa qabel m'għalqet għajnejha għall-aħħar darba. Fit-tqala, kemm fija kif ukoll f'ta' ħija, ommi rat

it-tmiem ta' ħajjitha kemm-il darba. Għexithom tista' tgħid weħidha. Tikkumbatti ma' kollox. It-twelid ta' ħija ġie bil-kumplikazzjonijiet u kienu se jitilfu ħajjithom it-tnejn li huma f'daqqa. Biss, il-Ħallieq ma ridhiex ħdejh dak iż-żmien. Ġisimha kollu kien għaffigħulha ħija u għalhekk, ma seta' qatt ikollha iktar tfal warajh. L-utru kien tmermer fix-xejn u t-tobba kellhom ineħħuhulha.

Eh, jien u ħija, ma tantx għamilnielha ħajjitha ward. Illum nirrealizza kemm konna bħaħen. Ħija … Matthew. Miet u minn hemm ommi bdiet nieżla n-niżla tat-telfien … għalkemm għaddew is-snin, bdiet tmur lura u tmajna bil-mod il-mod, sakemm inbarmet. Kienet wisq għaliha. L-ieħor, żewġha, qatt ma tellagħha fuq pedestalli u hi kienet issofri minħabba fina u fih. Aħna ħarbatna d-dinja. Ibda minni, u spiċċa f'ħija. Ħija miet kif miet. U jien spiċċajt hawn, minħabba għemili … Minħabba żewġha, minħabba nannti. Tort tagħhom, imma mhux t'ommi. M'hemmx qaddis hemm fuq li jixraqlu pedestall aqwa minn t'ommi. Dawk m'għamlu

xejn aqwa minnha, minn dik l-għadma li sawret għadmi. Hemm min qatel, u sar qaddis. Hemm min qaleb id-dinja ta' taħt fuq bid-dikjarar u għax ikkonverta, sar qaddis ukoll. Biss, in-nies ta' din id-dinja lil ommi ma ħamlux jarawha farka kuntenta … qellbulha d-dinja u moħħha ta' taħt fuq u qatlulha kull sentiment ta' mħabba u valuri. Allura ommi jixirqilha iktar minn kull qaddis fis-sema. Dawk għamlu inqas minnha żgur. Ma jixirqilhomx aħjar. Anqas joqogħdu ħdejn subagħha ż-żgħir ta' riġilha, aħseb u ara jħarsu 'l isfel lejha minn fuq il-pedestall.

Tal-aħħar għax dahri qed inħossu esse. Imma jekk ma ngħidx din, inħossni lablabt fil-vojt illum għax jien wara kollox, dejjem sostnejt l-istess ħaġa — u din ngħidha mhux biss għal ommi imma għalija nnifsi u għal kull min għadda minn ħwejjeġ simili bħal dawn. Li kieku qatt ommi ttellgħet il-qorti mixlija fuq xi att kriminali, u spiċċat il-ħabs, kienet tkun inġustizzja sħiħa. Hi ma kienet tkun ħatja qatt weħidha. Għax min ma jafx x'inhu t-tajjeb, ma jista' qatt ikun ħażin. Ommha kienet tkun ħatja wkoll għall-ħwejjeġ

li tkun wettqet bintha … għax m'għallmithiex is-sewwa u l-ġust. Jien hekk nemmen … u hekk għandu jsir. Anke jien sofrejt taħt l-imgħażqa tal-ħajja … it-tbatija! U anke ħija miskin. Aħna t-tlieta konna skjavi tad-destin u d-dinja m'uritniex farka rimors. Abbandunatna. Ommi kellha lil ommha tgħaffġilha fil-miżien ta' bejn it-tajjeb u l-ħażin. Jien u ħija kellna bniedem ieħor li kewwes ħajjitna, ħammiġha u ġabha trietaq. Mhux ommi żgur. La r-raġel t'ommi ma kien il-ħaruf tas-sagrifiċċju u lanqas Nena n-Najxuwwa ma kienet najxa. It-tnejn qalbu d-dinja ta' taħt fuq u taw tilja skandli lil uliedhom, allura m'għonqhom trid tintrabat il-mażżra u jaqbżu fil-baħar għax dawk m'għandhom qatt il-jedd li jgħixu. Lil Nena, id-driegħ t'Alla leħaqha. Nittama li l-iskart iħallih barra l-ġenna. Jekk dejjem teżisti. Hekk biss issir ġustizzja vera m'ommi. Hi kienet il-ħatja biex ommi telgħet dak il-mod, mela hi trid tibqa' barra, biex ommi tgawdi dak li ma gawdietx hawnhekk. L-ieħor għadu jferfer, biss Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt. Forsi nkellmek iktar

fuqu fil-jiem li ġejjin. Dejjem jekk itini ċans li l-pulmuni jibqgħu jimtlew bl-arja u l-għoqda ma tingħalaqx m'għonqi qabel il-waqt. Narak għada.